# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 2606

**Kaz Nru. 3275/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Bernard Bezzina**

**vs**

**Malta International Airport plc**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Bernard Bezzina, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl' 24 ta' Jannar, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz ir-**

**rikorrenti kien assistit mill-Avv. Ian Spiteri Bailey u ghas-Socjeta ntimata dehret Ms Christine Camilleri li kienet assistita mill-Avv. Andrew Borg Cardona.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li f'Awissu 1989 beda jahdem bhala Security Frisker gewwa l-airport ta' Hal-Luqa u fl-1 ta' Jannar, 1992 gie ngaggat bhala Safety and Security Assistant mal-Malta International Airport plc u kien jahdem gewwa l-Control Room.**

**Huwa jghid ukoll li f'Jannar, 1993 gie promoss ghal-Safety and Security Supervior u mill-1 ta' Jannar, 2000 gie promoss ghal Senior Security Duty Officer u matul l-impjieg tieghu mhux biss qeghda d-doveri tieghu b'lejalta izda wkoll, attenda ghal diversi korsijiet dwar ix-xoghol tieghu.**

**Fl'istqarrija tal-kaz tieghu huwa jghid ukoll li nhar 14 ta' Frar, 2013 fit-8.00 ta' fil-ghaxija, fil-hin li ma kienx ghax-xoghol kellu incident bil-karozza li weggha u gie certifikat li jkun fuq is-sick leave. Huwa jghid ukoll, li matul il-perjodu li kien bis-sick leave kellu ghal perjodu ta' darbtejn ikun rikoverat fl'isptar.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li fit-28 ta' Frar, 2014 mar ghand it-tabib tal-kumpanija Dr Jean Karl Soler, fejn spjegalhu l-kura li kien ha u fl'10 ta' Marzu, 2014 mar ikellem lil HR tal-kumpanija Ms Christine Camilleri u lis-sur Austin Calleja li kien CFO fejn infurmahhom, li kien ser jerga jidhol ghax-xoghol ghax sahhtu giet ghal ahjar. Huwa jghid ukoll li dawn qalulu biex imur ghand it-tabib tax-xoghol u jiccertifikah li kien tajjeb ghax-xoghol. Ir-rikorrenti jghid ukoll li nhar l-4 ta' April, 2014 il-Professur Andrew Borg kien iccertifikah li kien b'sahhtu bizzejjed sabiex jerga jidhol lura ghax-xoghol u jghamel ix-xoghol tieghu ta' Senior Security Duty Officer.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid li fis-7 ta' April, mar ghand it-tabib tal-kunpanija Dr Jean Karl Soler, fejn huwa ma ccertifikahx li hu kien tajjeb ghax-xoghol ghal fatt li kien ta' l-opinjoni li hu ghandu nuqqas ta' high level physical fitness u ir-rikorrent jghid, li t-tabib lanqas kien invistah. Huwa jghid ukoll, li kull ma qallu kien poggi bil-qeghda, xeghel il-computer u tellgha rapport li kien gia kellu miktub. Ir-rikorrenti jghid ukoll li t-tabib staqsieh x'kura kien ha dan l-ahhar u ziedhom fir-rapport. Ir-rikorrenti ikompli jghid, li ta' lil Dr Soler ir-rapport tal-professur u meta qara ir-rapport qallu "dan mhux specjalista fl'occupational therapy" u wara dan kiteb xi haga ohra fuq il-computer. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Dr Soler staqsih jekk tkun fuq patrol u tara persuna suspettata u trid tigri warajha x'tghamel ? u r-rikorrenti wiegeb nigri warajha ? Mela jien xogholi nigri wara n-nies ? U**

**jekk ikollha xi sikkina u jghatini daqqa ta' sikkina x'naghmel ? Jekk il-persuna ma tieqafx ghas-sejha tieghi u thallini nkellima jew f'certi cirkostanzi thallini bl-ghajnuna ta' shabi u bil-kwiet infittxilha, insejjah il-puluzija. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li t-tabib staqsih Jekk tinqala glieda x'taghmel ? u r-rikorrenti jghid li wiegbu glieda ? incempel lil puluzija. Mela jien xogholi niggieled ? Huwa jghid ukoll, li huma dejjam kienu mghallma biex jevitaw il-glied. Ir-rikorrenti ikompli jghid, li huma qatt ma kellhom korsijiet kif ghandhom jiggieldu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Dr Soler qralhu ir-rapport li kiteb fejn qallu li hu m'ghandux high level of physical fitness. Huwa jkompli jghid, li staqsa lit-tabib "ghaliex mhux tajjeb ghax-xoghol" u t-tabib qallu "issa jkellmuk u jiddeciedu l-kumpanija".**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li biex dahal jahdem fis-security ma kellux jghamel xi test biex jaraw ghandux High level of Physical fitness. Huwa jghid ukoll, li x-xoghol tieghu huwa xoghol amministrattiv u ta' supervizjoni, jorganizza t-team tieghu skond il-bzonn u c-cirkostanzi kif ukoll isegwi rapporti min nies tieghu fejn jinstabu xi ksur ta' direttivi tal-kumpanija u jghamel decizjonijiet f'waqthom. Huwa jghid ukoll, li f'cirkustanzi mhux normali jsejjah lill puluzija.**

**Fl'istqarrija tieghu ir-rikorrenti jkompli jghid, li Profs Andrew Borg huwa Consultant Physician and Rheumatologist u Professor of Medicine fl'Universita ta' Malta. Huwa wkoll il-Kap tad-Dipartiment tar-Rheumatology fl-isptar Mater Dei. Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Dr Jean Karl Soler skond il-Medical Register Practitoners Principal List 2014, huwa tabib (MD) u ghandu Masters fil-Primary Care and General Practice min Ulster University. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li huwa ma sab xejn li jiccertifika lill Dr Soler li huwa specjalista fl'Occupational Therapy, (dan dejjem skond il-Medical Register Practitioners Principal List 2014)**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid li fl'10 ta' April, 2014 il-kumpanija baghtet ghalih fejn kellu laqgha ma l-HR Christine Camilleri, Patrick Cuschieri Head of Security u Austin Calleja CFO u dawn qalulhu li t-tabib tal-kumpanija ma sabhux b'sahhtu bizzejjed sabiex jerga jghamel ix-xoghol ta' Senior Security Duty Officer. Huwa jghid ukoll, li l-HR qaltlu li hu ma jistghax jahdem aktar bhala Security u mhux se jkollu aktar x'jaqsam ma dak id-dipartiment u dan anke jekk ikunu bin-nieqes ma jistghax jghenhom. Huwa jghid ukoll, li gie offrut kariga fil-grad ta' Security Assistant u jghamel xoghol amministrattiv go l-ufficcju tas-security u jekk ma jirritornax lura ghax-xoghol f'din il-kariga li offrewlhu sal-21 ta' April 2014, ix-xoghol tieghu kien se jigi terminat. Huwa jghid ukoll, li b'dan kollu gie mgharraf bil-miktub.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid, li hass li kellu jkellem lill-Union tieghu dwar din is-sitwazzjoni u fis-16 ta' April, 2014 wiegeb b'ittra ohra fejn qalu li hu kien kapaci jirritorna ghax-xoghol fil-post u l-kariga li kellu f'dawn l-ahhar 14 il-sena. Huwa jghid, li kien ser jigi downgraded mir-rank tieghu b'zewg gradi u b'konsegwenza ta' dan kien se jitlef ammont sostanzjali mill-paga li kellu li kien jammonta minn 26,233 ewro ghal 16, 857 ewro fis-sena u dan kollu intortament meta hu kien certifikat mill-Professur tieghu li kien tajjeb biex ikompli bix-xoghol tieghu u anzi kien lest li dan jghamlu.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li nhar is-26 ta' April, 2014 ircieva ittra ohra datata 24 ta' April, 2014 fejn kienet tghid li l-impjieg tieghu gie tterminat minhabba il-fatt li ma accettax il-kariga li offrewlu u nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju, 2014 fl'12.00pm talbuh imur ghal laqgha mal-HR tal-Malta International Airport li hija Christine Camilleri, mal-Head of Security Patrick Cuschieri u mar-rapprezentant tal-Union Martin Caruana.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li minn din il-laqgha hareg li l-kumpanija ridiethu jghamel xoghol biss amministrattiv li kien gie offrut**

**qabel lillhu. Huwa jghid, li qallilhom biex jghtuh zmien ta' prova fil-kariga li kellu u jekk ma jsibhux tajjeb imur fix-xoghol li kienu offrewlhu. Huwa jghid ukoll, li talab biex jinhatar Professur/tabib indipendenti u jezaminah u jekk jara li ma kienx tajjeb ghax-xoghol li kien jghamel qabel. Huwa jghid ukoll, li shabu kienu qalulhu li ma kienx hemm tibdil fil-hinijiet tax-xoghol minn mindu mar bis-sick leave, pero dawn il-proposti ma gewx accettati mill-management. Huwa jghid ukoll, li qalilhom li hu kien ilu jghamel dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar 14 il-sena u jaf sew li jinsab tajjeb biex ikompli jghamlu. Huwa jghid ukoll, li kull offerta li ghamel biex isib soluzzjoni ma gietx accettata mill-kumpanija u dan ghaliex kien donnu li kien car li kienu hadu decizjoni b'mod unilaterali li ma riedux immorru lura minnha.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li s-Sur Cuschieri kien qallu li issa ix-xoghol ta' Senior Officer inbidel u huwa qallu wkoll, li kellu jmur Gate 2 bil-karozza u jghamel screening tal-posta. Ir-rikorrenti jghid, li hu wiegeb li mhix problema ghal fatt li kien kapaci jsuq u jimxi. Huwa jghid ukoll, li qallu li jrid jitla fuq fil-Gates u jghamel xi testijiet ta' x'makkinarju gdid li jinsabu fil-Gates. Ghal dan ir-rikorrenti wiegeb, li ma kienitx problema u li kien kapaci jghamel dak ix-xoghol. Huwa jghid ukoll, li qalilhom li lest jerfa kull responsabbilita u jidhol jghamel ix-xoghol ta' Senior Officer, pero l-HR qaltlhu "mela int Self-employed".**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jkompli jghid, li fl-ahhar kienu fthemu li sa 9.00 ta' l-ghada fil-ghodu kellu jghatihom risposta jekk jaccettax il-post li kienu offrewlhu, pero l-HR qaltilhom li hi ma setghetx tiehu decizjoni wahedha u riedet tkellem lis-CFO.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li l-ghada 6 ta' Mejju, 2014 ir-rapprezentant tal-Union Martin Caruana rega kellu laqgha mal-kumpanija u ressaq il-proposta tieghi li kienet kontra qalbi u ghax ma hallewli xejn alternattivi u minhabba li kont infaqt flusi kollha ghal kura li hadt kont ser naccetta dak ix-xoghol li kienu offrewli.**

**Fl'istqarrija tieghu jkompli jghid, li l-kumpanija qaltlu li kienet sejra tikkunsidra is-sitwazzjoni tieghu, dik li forsi jidhol jahdem fl-ufficju u jghamel xoghol amministrattiv li kienu offrewlhu. Sahansitra ghamel kundizjoni li jaccetta dan il-post li offrewlhu bil-patt u l-kundizzjoni li ma jifittixhomx fit-Tribunal Industrijali. Huwa jghid ukoll, li pero marru lura mill-proposta taghhom stess u terminawlu x-xoghol tieghu bid-detriment li hu qed isofri.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li r-raguni ta' tmiem tax-xoghol tieghu kienet Circumstances beyond employers control. Huwa jkompli**

**jghid, li kien perswaz li l-MIA kienet ingusta mieghu. Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li huwa dejjem qeghda x-xoghol tieghu u dejjem hadem ghas-success tal-kumpanija u ghal gid tal-passigieri u dejjem kien ta' ghajnuna ghal impjegati u l-kollegi tieghu u hadem id f'id maghhom.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li dan il-kaz jehtieg ezami tal-fatti u rakkomandazzjonijiet professjonali li kellhom quddiemhom l-intimati meta gie deciz illi l-impjieg tal-appellant jigi tterminat.**

**Hija tghid ukoll, li dawn il-fatti u rakkomandazzjonijiet jigu deskritti aktar fid-dettal waqt is-smiegh, pero f'dan l-istadju jinghad kif gej. L-appellant kien wegga f'incident stradali mhux konnes max-xoghol tieghu fi Frar, 2013 u kawza tal-incident gie jsofri minn dizabbilita' parzjali izda fit-tul li fil-fehma tal-professjonisiti li taw parir lill-intimati rrendewh inkapaci li jaqdi d-dmirijiet tieghu fil-grad li kien impjegat fih.**

**Is-Socjeta tkompli tghid li ovvjament, ghal kull hsara naxxenti mill-incident stradali jirrispondi min ikkawza l-istess incident, inkluz kull telf ta' introjtu konsegwenzjali.**

**Is-socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li huma obbligati kemm b'responsabbilita lejn l-impjegat ikkoncernat stess, kemm lejn l-interessi tal-kumpanija stess, li ma jhallux lil min mhux kapaci jahdem certi doveri jipprova jaghmel l-istess, kemm ghax ma jkunx jista' jaghmel dak kollu li ghandu jsir fil-qadi tal-istess doveri kif ukoll, ghax l-impjegat jista jaggrava l-pozizzjoni ta' sahhtu.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-fatt li l-impjegat ikkoncernat jghid li lest jiehu r-responsabilita, u anke li ghandu parir li jista jaghmel dan minn tabib, mhuwiex materjali, huma l-intimati li jridu jkejlu dak li hu relevanti b'riferenza ghall-kontenut tar-rwol u ta' dak li l-impjegat irid iwettaq u b'riferenza wkoll ghall-pariri li jinghataw lill-kumpanija minn specjalisti li huma ntizi fix-xoghol u l-kontenut tad-doveri.**

**Huma jghidu wkoll, li jistqarru li ghandhom xi jghidu dwar il-pariri medici li nghata l-appellant, partikolarment ghal dak li jirrigwardja l-mod kif saru diversi certifkati. Hemm ukoll il-fatt illi certi pariri nghataw fuq il-bazi ta' dak li qal l-appellanti lit-tabib.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li ghandu jigi nnotat illi l-intimati taw opportunita ta' xoghol differnti lill-appellant, fi grad aktar baxx izda dan irrifjuta, u baqa jinsisti li jiehu r-responsabbilita hu ghal dak li jista jigri, liema aspett kif ga ntqal mhuwiex materjal peress, illi hu l-employer li jiehu r-responsabbilta'.**

**Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrenti kien ilu jahdem l-airport ghal madwar 25 sena u l-impjieg tieghu gie tterminat fl'24 ta' April, 2014 fuq ragunijiet li kif jispjega l-employer kienu "Circumstances beyond employers control".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kumpanija hadet din id-decizjoni wara li minn Frar, 2013 ir-rikorrenti kien indispost peress li kellu incident tat-traffiku wara l-hin tax-xoghol li b'rizultat ta' dan l-incident impedih milli jidhol ghax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu ta' konvalixxenza r-rikorrenti kien taht il-kura medika fejn anke kellu jiddahhal ghal darbtejn l-isptar ghal kura.**

**Mill-provi jirrizulta li fl'10 ta' Marzu, 2014 ir-rikorrenti mar ikellem lill-management tal-kumpanija fejn infurmahhom, li kien tajjeb biex jidhol lura ghax-xoghol u f'din il-laqgha huma rreferewh biex imur ghand it-tabib tal-Kumpanija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti apparti li mar ghand it-tabib tal-kumpanija mar ukoll ghand il-Professur Andrew Borg li m'ghandux konnessjoni mal-kumpanija u fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Frar, 2018 u tal-10 t'April, 2018 jghid "jiena fil-fehma tieghi li d-dizabilita li ghandu hu ma twaqqfux milli jaghmel ix-xoghol amministrattiv li kienet il-parti ewlenija tax-xoghol tieghu. Jekk jien niftakar sew li wkoll kellu jimxi madwar l-MIA jew it-terminal biex jara li kollox maghluq jew locked which I feel, heq, bil-marda li ghandu hu anzi it's beneficial li jimxi, ma joqghodx xi gurnata shiha bil-qieghda" Mill-istess provi jirrizulta wkoll li fl'4 ta' April 2014 l-professur Andew Borg iccertifika lir-rikorrenti li kien tajjeb ghax-xoghol.**

**Mix-xhieda ta' tabib Dr Jean Karl Soler li hu t-tabib tal-Kumpanija u mix-xhieda tieghu tal-25 ta' Mejju, 2017 u ta' nhar 3 ta' Ottubru, 2017 jghid li hu ra lir-rikorrenti fid-9 ta' Settembru, 2013 u rega rah fit-28 ta' Frar, 2014 fejn kien iccertifikah li ma kienx tajjeb ghax-xoghol. Dr Soler jghid ukoll, li rega ra lir-rikorrenti fis-7 ta' April, 2014 u jghid " jiena hemmhekk sibt li kien mar ghal ahjar, kont iccertifikajt lis-sur Bezzina ma jistax jaghmel xoghol ta' Security Officer minhabba li kien hemm conflicting reports igifieri minn diversi tobba li kien qed jara s-Sur Bezzina, kien hemm rapport konflingenti ta' dizabilita fizika residwa li din kienet giet notifikata anzi msemmija sew f'rapport tat-tabib tieghu u sew fir-rapport ta' Dr. Borg u jien ghalhekk irrakkomandajt xoghol alternattiv fejn il-persuna tkun tista tmur ix-xoghol pero ma tkunx f'posizzjoni fejn limitazzjoni fizika anke minuri jew inkella ugih jillimita l-funzjonalita taghha f'dak ix-xoghol fuq il-post tax-xoghol, irrakkomandajt jew xoghol amministrattiv jew inkella xoghol iehor fejn high level of physical fitness is not requirement, il-pronjosi fit-tul m'hijiex cara u rrakkmandajt li jien nerga' nara lill-perusna fi zmien erbgha (4) jew sitt (6) gimghat".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li r-rikorrenti ghamel dawn il-vizti medici kellu laqgha mal-management tal-kumpanija fl'10 ta' April, 2014 fejn gie nfurmat li skond it-tabib tal-kumpanija ma setghax jghamel aktar ix-xoghol ta' Senior Security Duty Officer. Mill-provi jirrizulta**

**wkoll li huwa gie nfurmat li kien qed jigi offrut xoghol alternattiv f'zewg gradi anqas mill-grad li kellu ghax-xoghol ta' Security Assistant, fejn il-paga li kellu kienet se tonqos ghal madwar €10,000. Huwa gie nfurmat wkoll li jekk ma jirrapurtax ghax-xoghol sal-21 ta' April, 2014 l-impjieg tieghu kien se jigi tterminat.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti ma qabilx mal-proposta tal-management u permezz tal-Union tieghu l-UHM, is-Segretarju tat-Taqsima Martin Caruana kiteb lill management permezz ta' ittra datata 16 ta' April, 2014 li kienet tghid "Ngharref illi l-membru taghna mhux jaqbel mal-proposta minnek maghmula, u jsostni, anke a bazi tac-certifikat tal-Professur tieghu, illi huwa kapaci jirritorna ghax-xoghol fil-post u l-kariga li kellu qabel.**

**Fic-cirkostanzi ghalhekk, ngharrfek illi s-Sur Bezzina jista jirrapporta ghax-xoghol fil-grad u l-kariga li kellu qabel meta ttuh tali struzzjonijiet, u fid-dawl ta' dan qed jirrifjuta illi jidhol lura ghax-xoghol fil-kariga ta' Security Assistant". Konsegwentement wara din l-ittra l-Kumpanija nfurmat lir-rikorrenti permezz ta' ittra data 24 ta' April, 2014 li l-impieg tieghu kien qed jigi tterminet.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll,  u din mix-xhieda tal-25 Mejju, 2017 u ta' 3 ta' Ottubru, 2017 fejn is-Sur Martin Caruana li kien segretarju tat-Taqsima tal-UHM xehed li kien hemm diversi attentati u laqghat mal-management biex tinstab soluzzjoni ghal dan il-kaz. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li ghamel proposta biex issir laqgha bejn il-Professur Andrew Borg li kien iccertifika lir-rikorrent li kien tajjeb ghax-xoghol u t-tabib tal-Kumpanija Dr Jean Karl Soler li kien iccertifika li r-rikorrenti ma setghax jghamel ix-xoghol ta' Senior Security Officer izda huwa jghid, li din il-proposta giet rifjutata mill-management. Huwa jghid ukoll, li finalment anke gie accettat li biex ir-rikorrenti ma jitlifx ix-xoghol jaccetta l-proposta tal-management li jinzel zewg gradi. Fix-xhieda tieghu huwa jghid " ergghajt ghamilt tenettiv iehor billi kont avvicinajt ukoll lil HR ta' dak iz-zmien ma niftakarx ezatt min kien prezenti imma niftakar li kont mort il-kumpanija wkoll, pruvajt nipprova nilhaq tip ta' ftehim iehor illi jaccetta anke lura jidhol lura f'dak il-grad imbasta ma jitlifx l-impjieg imma HR kienet qaltli stenna ha ntuk risposta ma nistax niehu decizjoni issa ghax trid tkellem lis-Superjuri taghhal-HR dak iz-zmien kienet mara nsejt x'jismiha".**

**Mill-provi jirrizulta li l-HR kien jisimha Christine Camilleri u x-xhud jghid "Christine Camilleri rrisponditni lura fejn dina qalet li l-kumpanija hadet decizjoni mhux se terga lura minnha".**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-aspett dwar ic-certifikati u x-xhieda tal-Profs. Andrew Borg u tat-tabib Dr Jean Karl Soler. Kif jirrizulta mill-provi, il-Profs. Andrew Borg jghid li r-rikorrenti kien tajjeb biex jghamel ix-xoghol li kien qed jghamel, izda b'kuntrarju ghal dan Dr Jean Karl Soler jghid, li meta l-ahhar darba li kien ra lir-rikorrenti ghalkemm kien ghamel progress pero ma kienx tajjeb biex jghamel ix-xoghol li kien qed jghamel u rrikmanda li jerga jarah fi zmien erbgha jew sitt gimghat.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dawn il-provi, peress li dan it-Tribunal Industrijali mhux kompitenti fil-qasam mediku ma jinsabx f'qaghda li jghid ta' min hija l-verzjoni t-tajba pero dan it-Tribunal Industrijali meta jezamina l-provi kollha jsib, li gie suggerit lill kumpanija minn naha ta' l-ufficjal tal-Union sabiex jigu kkuntattjati l-Profs Andrew Borg u Dr Jean Karl Soler sabiex issir laqgha bejniethom u jiddiskutu l-qaghda medika tar-rikorrent u jigi stabilit jekk ir-rikorrent kienx kapaci li jkompli fix-xoghol li kellu jew fix-xoghol li kien qed jigi ssuggerit mill-kumpanija. Dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li dan kien suggeriment sensibbli li setgha jwassal ghal soluzzjoni ta' din il-kwestjoni. It-Tribunal Industrijali huwa cert, li kieku l-management tal-kumpanija accetta dan is-suggeriment zgur li kien se jsib il-**

**koperazzjoni kemm tal-Profs Andrew Borg kif ukoll ta' Dr Jean Karl Soler u dan it-Tribunal Industrijali huwa cert li dawn kienu jikkoperaw ghar-raguni li meta gew imsejjha biex jixhdu quddiem it-Tribunal Industrijali, minkejja l-impenji li ghandhom huma attendew biex jixhdu u taw il-koperazzjoni taghhom. Ghaldaqastant, dan it-Tribunal Industrijali jinnota li kienet hasra li l-management tal-kumpanija ma accettax il-proposta tal-union, ghaliex dan kien ikun pass fid-direzzjoni li tistgha tinstab soluzzjoni u kien jigi deciz mill-aspett mediku jekk ir-rikorrent kienx fizikament tajjeb li jkompli fix-xoghol li kellu jew jghamilx xoghol iehor skond il-qaghda fizika tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li lanqas giet accettata mill-management il-proposta li dan il-kaz jigi riferut ghal persuna medika indipendenti biex tezamina u tiddeciedi fuq il-kaz.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li minghajr ma jigu esplorati dawn il-possibilitajiet ma kienitx ragonevoli id-decizjoni tal-management li jibqa jinsisti li r-rikorrenti kellu jispicca mix-xoghol li kien qed jghamel u jigi downgraded b'zewg gradi.**

**Invista ta' dan li qed jigi msemmi hawn fuq, dan it-Tribunal Industrijali jifhem l-ilment u l-oggezzjoni tar-rikorrent, li originarjament ma**

**jaccettax id-decizjoni tal-management li jigi down graded b'zewg gradi u dan ghar-raguni, li primarjament ir-rikorrenti kien gie ccertifikat mill-professur Andrew Borg li hu kien tajjeb li jkompli jwettaq ix-xoghol li kellu kif ukoll, kif jghid hu kien qed ihossu fizikament tajjeb li jwettqu u ma dan ma tistghax teskludi l-fatt li jigi down graded b'zewg gradi kien se jkun iffisser li hu kien se jsofri telf mill-paga tieghu ta' madwar €10,000(ghaxar t'elef ewro) ewro fis-sena.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet dan it-Tribunal Industriajli jikkunsidra wkoll, kif gie trattat l-ilment tar-rikorrenti liema lment mghamul mill-Union gie mwassal lill-management bil-miktub permezz ittra datata 16 ta' April, 2014. Mill-provi li gew imressqa quddiem dan it-Tribunal Industrijali ma jirrizultax li l-management kiteb lura lill Union jew ghamel kuntatt mal-Union qabel ma sehhet it-terminazzjoni tal-impjieg permezz ta' l-ittra datata 24 ta' April, 2014. Meta dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra dan l-aspett huwa tal-fehma, li dan kien nuqqas gravi tal-management li ma jiktibx lill-Union u dan ghal diversi ragunijiet, primarjament meta l-Union kitbet lill-management, kemm il-Union kif ukoll ir-rikorrent kienu qed jistennew risposta mill-management. Normalment hekk isir u dan anke huwa stipulat fil-procedura ta' l-ilmenti tal-Ftehim Kollettiv, li meta jkun hemm ilment minn naha ta' l-impjegat ghandhom isiru laqghat bejn ir-**

rapprezzentanti tal-haddiem u l-management biex jiddiskutu l-ilment inkwestjoni. Din il-procedura tezisti biex jigi evitat inkwiet industrijali.

F'dawn il-Kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif gie spjegat aktar hawn fuq, li ghalkemm kien hemm ragunijiet li r-rikorrenti jghamel il-kaz tieghu, finalment biex isalva l-impjieg tieghu acccetta li jigi downgraded b'ghaxar t'elef salarju anqas. Ghaldaqstant, invista ta dawn ic-cirkostanzi dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma u jiddeciedi li ma kienitx ragonevoli d-decizjoni tal-management li jirtira mill-proposta tieghu stess biex ir-rikorrenti jerga jidhol fl'impjieg fi grad anqas u b'paga anqas.

Wara li t-Tribunal Industrijal ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokoumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ingusta. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li r-rikorrenti ghandhu jithallas kumpens minghand il-Malta International Airport plc li jammonta ghal €26,000 (sitta u ghoxrin elf euro) u liema kumpens ghandu jithallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' Din id-Decizjoni.

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 9 ta' Lulju, 2019**